# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 74

Il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

74.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittra ta' apoloġiji.

### 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

74.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 73 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

74.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

74.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

74.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret b'suċċess is-serata ta' Jum il-Munxar 2023 fejn ingħata Ġieħ il-Munxar kif ukoll ġie preżentat rikonoxximent lil kull min serva bħala membru fi ħdan il-Kunsill Lokali Il-Munxar.

74.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill Lokali Il-Munxar ġie premjat waqt iċ-ċerimonja 'Din L-Art Ħelwa Awards for Architecural Heritage' għax-xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq it-Torri tax-Xlendi.

### 74.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

74.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmela Parnis staqsiet dwar manutenzjoni fuq *storm water culvert* fi Pjazza tal-Knisja minħabba ħsejjes kull x'ħin

tgħaddi vettura minn fuqu. Kien hemm qbil sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa wara li jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill .

74.4.2 Il-Kunsillier Juliet Attard staqsiet dwar it-tappiera tal-konkos fi Triq San Pawl li għandha bżonn manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li diġà ġiet infurmata l-kumpanija GO PLC biex jibdlu din it-tappiera minħabba l-periklu li jista' jkun hemm.

## 74.5 Proġetti fil-Lokalita';

74.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin mistenni jiġi ffirmat l-kuntratt tax-xogħlijiet relatati mas-sistema tad-dawl tal-proġett tad-daħla tal-Munxar biex eventwalment jibda dan il-proġett.

## 74.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2024;

74.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *draft budget* għas-sena 2024. Huwa spjega li l-Kunsill għad m'għandux f'idejh kemm se jkunu l-pagi tal-ħaddiema klerikali fid-dawl taż-żidiet tal-għoli tal-ħajja mħabbra fil-*budget* tal-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li l-Kunsill kien għadu lanqas irċieva kemm se tkun l-allokazzjoni tal-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2024. Għaldaqstant huwa talab lill-membri sabiex, jekk ikun hemm qbil mill-membri preżenti, jiġi approvat id-*draft budget* hekk kif preżentant imbagħad fil-laqgħa li jmiss jiġi approvat il-*budget* b'figuri aktar eżatti.
Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan u d-*draft budget* ġie approvat.

## 74.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

74.7.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Gozo Tourism Association* b'sejħa għal nomini għal *"The Gozo Niche Tourism Achievement Award 2023"*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bi stedina biex il-Kunsilli Lokali jipparteċipaw fl-Inizjattiva 'Rigal bi Mħabba' fejn jinġabru rigali għat-tfal fil-bżonn. Kien hemm bqil mill-membri dwar dan, kif ukoll kien hemm qbil biex fl-istess sejħa lir-

residenti tiġi nkluża sejħa għall-ġbir ta' ikel għall-annimali biex jingħataw lil NGOs u sejħa oħra għall-ġbir ta' *detergents* li qed jinġabru mill-Malta Trust Foundation.

74.7.3 PQ 14124 – Talba għall-informazzjoni mill-Kunsilli Lokali: Periti mal-Kunislli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

74.7.4 Ċirkulari DLG Numru 20/2023 – Proċeduri ta' 'SetOff' bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-WasteServ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.7.5 Ċirkulari DLG Numru 21/2023 – Proċeduri ta' Invoicing bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali għas-servizz ta' ġbir tal-iskart imħallat u tipping fees. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.7.6 Ċirkulari Nru AKL 2023/111 – Konferenza: Insaħħu l-Komunitajiet tagħna bil-Fondi Ewropej. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.7.7 Ċirkulari Nru AKL 2023/112 – The 2023 Jolly Jumper Team Building Event. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.7.8 Ċirkulari Nru AKL 2023/113 – Invitation for the Exchange of New Year Greetings with HE The President of Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.7.9 Ilment 59/2023

Resident jiġbed l-attenzjoni sabiex isiru miżuri tat-traffiku fi Triq San Xmun fix-Xlendi minħabba velocita' eċċessiva mill-vetturi. Dan ir-resident għandu garaxx eżatt fil-liwja u qed jibża li se jkollu aċċident minn mument għall-ieħor waqt li jkun dieħel bil-karozza ġol-garaxx. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex jittieħed parir tekniku.

74.7.10 Ilment 60/2023

Resident jilmenta li qed jidħol l-ilma ġor-residenza tiegħu mis-*soft area* tal-pjazzetta Ġebla tal-Poplu. Ir-resident issuġġerixxa sabiex titneħħa l-ħamrija li tmiss mal-appoġġ u jsir *liquid membrane* jew qatran. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan is-suġġeriment.

74.7.11 Ilment 61/2023

Residenta tiġbed l-attenzjoni dwar vandaliżmu fuq il-vettura tagħha meta tipparkja fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jitressaq quddiem il-Pulizija tal-Komunita'

filwaqt li l-Kunsill ser jipprova jinkludi dan il-post fl-installazzjoni ta' CCTV *cameras* madwar il-lokalita' taħt l-iskema tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

74.7.12 Ilment 62/2023
Resident jitlob sabiex isir *double yellow line* faċċata tal-garaxx tiegħu minħabba problema biex jaċċessa l-garaxx bit-trakk jekk ikun hemm vettura pparkjata. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u sabiex tintbagħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

74.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 74/2023-8 għall-perjodu bejn it-28 ta' Novembru 2023 u l-14 ta' Diċembru 2023 li tammonta għal €20,726.49 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

**74.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-7.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |